Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3199/93

tat-22 ta' Novembru 1993

dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

(ĠU L 288, 23.11.1993, p. 12)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2546/95 tat-30 ta' Ottubru 1995	L 260	45	31.10.1995
►M2	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2559/98 tas-27 ta' Novembru 1998	L 320	27	28.11.1998
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2205/2004 tal-21 ta' Diċembru 2004	L 322M	52	2.12.2008
►M4	Commission Regulation (EC) No 1309/2005 of 10 August 2005 (*)	L 208	12	11.8.2005
►M5	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2005 tat-12 ta' Diċembru 2005	L 321M	331	21.11.2006
►M6	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 67/2008 tal-25 ta' Jannar 2008	L 23	13	26.1.2008
►M7	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 849/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008	L 231	11	29.8.2008
►M8	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 767/2011 tat-2 ta' Awwissu 2011	L 200	14	3.8.2011
►M9	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 162/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 49	55	22.2.2013
►M10	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1867 tal-20 ta' Ottubru 2016	L 286	32	21.10.2016
►M11	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1112 tat-22 ta' Ġunju 2017	L 162	22	23.6.2017
►M12	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2236 tal-5 ta' Diċembru 2017	L 320	6	6.12.2017
►M13	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1880 tat-30 ta' Novembru 2018	L 307	24	3.12.2018

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3199/93

tat-22 ta' Novembru 1993

dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa

Artikolu 1

L-isnaturanti li huma impjegati f'kull Stat Membru għall-iskopijiet biex jiġi żnaturat kompletament l-alkoħol skond Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE huma kif deskritti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata meta jiġi pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M13**

ANNESS

Lista ta' prodotti awtorizzati, bin-numru ta' reġistrazzjoni tagħhom tal-Chemical Abstracts Service (CAS), għall-iżnaturar komplet tal-alkoħol.

Aċeton	CAS: 67-64-1
Benżoat tad-denatonju	CAS: 3734-33-6
Etanol	CAS: 64-17-5
Etil terz-butil-etere	CAS: 637-92-3
Fluworexxeina	CAS: 2321-07-5
Petrol (inkluż petrol bla ċomb)	CAS: 86290-81-5
Alkoħol isopropiliku	CAS: 67-63-0
Pitrolju	CAS: 8008-20-6
Pitrolju	CAS: 64742-47-8 u 64742-48-9
Metanol	CAS: 67-56-1
Metiletilketon (2-butanon)	CAS: 78-93-3
Metilisobutilketon	CAS: 108-10-1
Metilen blu (52015)	CAS: 61-73-4
Solvent tan-nafta	CAS: 92062-36-7
Trementina	CAS: 8006-64-2
Petrol għal użu tekniku	CAS: 92045-57-3

It-terminu "etanol assolut" f'dan l-Anness għandu l-istess tifsira bħat-terminu "alkoħol assolut" użat mill-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata.

Fl-Istati Membri kollha, kwalunkwe żebgħa tista' tiġi miżjuda mal-alkoħol żnaturat biex tagħtih kulur karatteristiku, u jsir immedjatament identifikabbli.

I. **Il-proċedura komuni tal-iżnaturar għall-alkoħol żnaturat kompletament użata fil-Belġju, fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja, f'Ċipru, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Lussemburgu, fl-Ungerija, f'Malta, fin-Netherlands, fl-Awstrija, fil-Polonja, fil-Portugall, fir-Rumanija, fis-Slovenja, fis-Slovakkja u fil-Finlandja:**

Għal kull ettolitru etanol assolut:

— Litru (1,0 l) alkoħol isopropiliku,

— Litru (1,0 l) metiletilketon,

— 1,0 gramma benżoat tad-denatonju.

II. **Konċentrazzjoni ikbar tal-proċedura komuni tal-iżnaturar għall-alkoħol żnaturat kompletament, użata fl-Istati Membri li ġejjin:**

Ir-Renju Unit.

▼**M13**

Għal kull ettolitru etanol assolut:

— 3,0 litri alkoħol isopropiliku,

— 3,0 litri metiletilketon,

— 1,0 gramma benżoat tad-denatonju.

Il-Kroazja

Għal kull ettolitru etanol assolut:

Minimu ta':

— Litru (1,0 l) alkoħol isopropiliku,

— Litru (1,0 l) metiletilketon,

— Gramma (1,0 g) benżoat tad-denatonju.

L-Iżvezja

Għal kull ettolitru etanol assolut:

— Litru (1,0 l) alkoħol isopropiliku,

— 2,0 litri metiletilketon,

— Gramma (1,0 g) benżoat tad-denatonju.

III. **Proċeduri addizzjonali tal-iżnaturar għall-alkoħol żnaturat kompletament, użati f'ċerti Stati Membri:**

Ir-Repubblika Ċeka

Għal kull ettolitru etanol assolut:

— 0,4 litru solvent tan-nafta,

— 0,2 litru pitrolju,

— 0,1 litru petrol għal użu tekniku.

Il-Greċja

Alkoħol ta' kwalità inferjuri biss (id-distillat miksub fil-bidu u fi tmiem il-proċess tad-distillazzjoni), b'saħħa alkoħolika ta' mill-inqas 93 % tal-volum u ta' mhux aktar minn 96 % tal-volum jista' jiġi żnaturat.

Għal kull ettolitru ta' alkoħol idratat ta' 93 % tal-volum jiżdiedu s-sustanzi li ġejjin:

— 2,0 litri metanol,

— Litru (1,0 l) trementina,

— 0,50 litru pitrolju,

— 0,40 gramma metilen blu.

F'temperatura ta' 20 °C, il-prodott finali, fil-forma mhux mibdula tiegħu, għandu jilħaq 93 % tal-volum.

Il-Finlandja — awtorizzata sal-31.12.2018

Għal kull ettolitru ta' etanol assolut, kwalunkwe minn dawn il-formulazzjonijiet li ġejjin:

1. 2,0 litri metiletilketon,

   3,0 litri metilisobutilketon.

2. 2,0 litri aċeton,

   3,0 litri metilisobutilketon.